# SANNAT FIL-KITBA TA' DE SOLDANIS

Dr. Michael J. Refalo M.D.

Meta dan l-aħħar kont qed inqalleb fil-kotba tal-Librerija Publika gie f'idejja l-ktieb Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu tal-Kanonku Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis, miġjub bil-malti minn Mons Dun Ġużepp Farrugia, f'żewġ kotba. Sibt li hu ktieb interessanti minħabba li jagħti veduta dettaljata tal-ħajja storika, soċjali u reliġjuża ta' Għawdex taż-żmien li fih għex dan Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis. U billi dejjem kelli ħajra u ħeġġa għall-istorja ta' dan raħal tfuliti, xtaqt naqsam mal-qarrejja ta' din ir-rivista, punti importanti fl-istorja ta' Sannat msemmija minn dan l-istudjuż.

Il-ktieb li rajt kien dak li nħareġ mill-fundazzjoni Belt Vittorja, iżda kien hemm traduzzjonijiet oħra ta' l-istess ktieb. Ma rridx innaqqas il-mertu ta' xi waħda minn dawn, u lanqas ridt nidħol f'polemiki. Il-ħsieb tiegħi hu biss biex inwassal tagħrif li jqajjem pjaċir u kurżita fil-qarrejja.

Il-Kanonku Ġann Piet Franġisk Agius De Soldanis

Dan l-istudjuż, il-Kanonku Ġann Piet Franġisk Agius De Soldanis, twieled fir-Rabat Għawdex fl-ewwel ta' Novembru tal-1712 minn Ġann Andrea Agius u Valenzja Sultana u ġie mgħammed fl-istess jum fil-Knisja Parrokjali ta' San Ġorġ Martri. Hu studja Malta fejn tgħallem il-Letteratura, il-Filosofija, it-Teologija u l-Liġi, u siefer ħafna, u anke ha l-lawrija minn Padova. Barra minn xogħol tar-ruħ hu kiteb ħafna fuq suġġetti varji fosthom l-istorja, grammatika, l-użanzi ta' żmienu u ħafna suġġetti oħra. Minħabba f'hekk hu ntgħażel bħala l-ewwel Biblijotekarju tal-Librerija tal-Belt Valletta. Hu miet ta' 68 sena, fit-30 ta' Jannar tal-1770, u ġie midfun fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta.

Il-Baħar Madwar ta' Sannat

L-awtur jagħti ħjiel tal-postijiet fir-raħal tagħna u madwaru, kif kienu magħrufa fiż-żmienu.

De Soldanis jgħid li l-kelma Sannat hi kelma għarbija, minn "samm", "samma", ġebla iebsa. "U tassew r-raħal kollu hu ġebla iebsa, għalkemm friska u tas-siġar". Fiż-żmien tal-kitba ta' dan il-ktieb kien fih popolazzjoni ta' 546 ruħ. Hu jirreferi wkoll għall-"Ġebel Sannat. Blat għoli fl-istess raħal. Kieku Għawdex kien mdawwar kollu bi blat bħal dan, kien ikun bħal sur li minn imkien ma jista' jintrebaħ".

Rigward it-Torri tax-Xlendi, hu jgħid hekk; " Jismu hekk mill-isem tal-port. Ġie mibni dan-it-torri fis-sena 1658 mill-Universita ta'Għawdex. Mingħajr dan it-torri l-port tax-Xlendi kien miftuħ biex fih jersqu kull xorta ta' bastimenti tal-kuntrabandu; illum bis-saħħa ta' dan it-torri, ma għadux hekk. L-Ordni tal-Kavallieri jgħammru bil-kanuni u ħwejjeġ oħra..." Rigward il-Wied il-Qantra, hu jagħti tifsira bħala "kelma għarbija li tfisser qaws".

De Soldanis isemmi wkoll l-"Għar ta' Santa Ketrini b'ilma ħelu minn fejn jinżel jixrob il-hamiem tal-barr ta' dawk l-inħawi. Dan l-għar ta' Santa Ketrini mhux darba jew tnejn ġie miżjur mill-Gran Mastru Perellos, tant meta kien għadu Kavalier, tant meta laħaq Gran Mastru. Hemm ukoll dik in-naħa il-Ponta tas-Skieken li fuqha jinħadem il-melħ, il-Ghar ta' Mahrax, Ras Mahrax u l-Għar tal-Ħnejja. Il-Qala tax-Xlendi. Port żgħir, dejjaq, imwiegħer għall-bastimenti kbar, imhabba li fil-bokka tiegħu hemm sikka xi xiber fond taħt l-ilma, kbira bejn wieħed u ieħor xi erba' qasab li tidher biss fil-bnazzi. Quddiem din is-sikka hemm Wied il-Kantra, isem imħolli lil dan il-wied mill-Għarab li jfisser wied il-qaws għall-għamla li għandu. Jiftakru l-bastiment li jgħaddu minn quddiemu fil-kliem tal-Profeta David : "Fugiunt a facie arcus" - "Aħarbu minn quddiem il-qaws". Kemm "Wied il-Kantra, kif ukoll il-wied l-ieħor li hemm quddiem il-port u li hu bil-bosta ikbar minnu, huma mimlijin bis-siġar tal-frott. Dan il-wied hu tal-Kunvent tal-Karmlitani ta' l-Imdina.
Malli nħallu l-port tax-Xlendi nsibu l-plajja tax-Xlendi, il-Moħlija, il-Lampti, is-Sikka, il-Ħofra, il-Ġebla tax-Xlendi, ta' Zilla jew tal-Lampuki, ta' Libien, il-Għar ta' Bwieb il-għaliex għandu żewġt iħluq li minnhom igħaddu fil-wisa' d-dgħajjes, id-dawra tax-Xlendi, il-Għar ta' Sanap u l-Għar tal-Kittinija. (Ħafna minn dawn l-ismijiet jista jkun li intesew).
Il-Pinnur tal-Bardan. Xifer ta' dan l-isem. Malli wieħed iħalli dan ix-xifer, isib l-Imsawba, lir-Rdum taz-Zikwa, ta' Bolla, il-Għar ta' l-Ispanjol, il-Għar ta' Martin, il-Għar tal-Faqma, il-Għar tal-Ħajt, il-Għar ta' l-Arpa, il-Għar

ta' Zirejxa, il-Għar ta' l-Ehbiex, il-Għar tal-Ħamiem, il-Ponta tal-Għief, u Għar Ilma, għax fih iqattar l-ilma ħelu. F'dan l-aħħar għar jidhru bhal annimali zghar tal-bahar itiru li bin-nhar joqoghdu fix-xquq u bil-lejl joħorġu jfittxu l-ikel tagħhom fil-baħar. Fejn ikunu jħallu riħa tinten wisq. Zgurawni xi sajjieda li fl-ebda għar ieħor ta' Għawdex jew ta' Malta ma jinsab minn dan it-tajr. Għidt b'din il-ħaġa lill-Kavalier franċiż Torgot, meta ġie hawn Għawdex fis-sena 1746 biex jiġbor xi ħxejjex u xi għasafar minn din il-gżira u ried jikseb x'uħud minnhom. U kiseb tmienja li jien rajt b'għajnejja fil-bejta tagħhom u barra mill-bejta. Id-daqs tagħhom qisu daqs ta' malvizz, b'munqarhom iswed bħal tal-beċċun ftit u xejn ħamrani fejn għajnejhom, b'saqajhom bħal tal-papri. Damu ħajjin għandu xi ħmistax-il-ġurnata u kien jitmagħhom ħut u bajd. Ma satax imma jagħraf xi kwalita ta ' għasafar huma u għalhekk bagħat biċċa minnhom Pariġi għand is-Sur Lomien, akkademiku msemmi, biex jistħarriġhom hu".

Fl-ewwel ktieb ukoll, Agius de Soldanis isemmi wkoll Għar ieħor msejjah "tal-Għadam tal-Mejtin jew ta' Riknet il-Ħajt, kif jiżgurana l-Patri Terezjan Rupertu ta' San Gaspru, sewwa sew fuq ġebla kbira li tinsab f'nofsu, jitnissel bħal għadam tal-mejtin li, għalkemm maqtugħ minn din il-ġebla, wara ftit il-ġebla tarġa' tintela. Jien din il-ġebla ma rajthiex, ma qalli biha l-baruni Inguanez li fis-sena 1744 urieni biċċa maqtugħa minn dan il-għar, li għandha għamla ta' driegħ. Dan l-istess baruni kien li qal lill-Patri Terezjan fuq msemmi b'dan il-għar u b'din il-ġebla tal-għaġeb li għandu.

Dan il-patri ħalla miktub hekk biex juri kemm kien jemmen f'din il-ħaġa: (In Apolog. fl-ewwel ktieb, fol. 249), "Jinsab għar max-xtajta ta' Għawdex mħaffer waħdu mill-ewl id-dinja li, malli tidħol fih daqqa tat-tmien jew għaxar passi, issib fuq il-qiegħa ta' l-ewwel daħla tiegħu bħal taraġ li jieħu f'għorfa li tinsab fuq din il-qiegħa. F'nofs din il-għorfa ta' fuq hemm blata maħruġa 'l barra minn wiċċ l-art ta' madwar xi tnax jew erbatax-il-xiber fil-għoli tagħha. Fuq din il-blata ta' din il-qiegħa, imma mhux fi bnadi oħra ta' din l-għorfa, jikber u joħroġ barra minnha xi ġebel b'għamla ta' għadam tal-mejtin jixbah lill-għadam tan-nies, ngħidli aħna, bħal idejn, saqajn, dirgħajn li ħwejjeġ bħal dawn li, għalkemm għall-ewwel ikunu żgħar, wara xi żmien jidhru kibru ta' daqs ġmielu. Minn dan, kull min irid imur jistħarreġ din il-ħaġa, jara kemm tassew ta' bilħaqq dan il-għar jiġi msejjaħ f'dawn il-gżejjer "il-għar tal-għadam tal-mejtin". Dan li għidt jistgħu jixhduh eluf u eluf ta' nies li rawh b'għajnejhom".

**"Ġebel ta' Ċenċ.** Dan il-ġebel jispiċċa f'Ġebel ta' Sannat sar-Rdum ta' Pilliet u l- Widdien.

Ras in-Newwiela. Ġiet msemmija hekk mis-sena 1551 'l hawn, meta it-Torok minn fuq l-iġfien tagħhom bdew igħajtu lil dawk li kienu inewlulhom ilsiera għawdxin: Newwel, newwel!

Insibu mbagħad il-għar tax-Xemx, il-għar ta' Pollonja, Għoxx il-Ħrab li tfisser bejta taċ-ċawl, il-mejda ta' Għodlien, il-Grejmiet, il-Ponta ta' Skandlu, dari msemmija ta' Vivjal, u wara Mġarr ix-Xini.

Mgarr ix-Xini. Din tfisser port ta' l-iġfien. Hemm jaqta' l-wied ta' Sannat u tax-Xewkija. F'nofs dan il-wied, qrib il-baħar, hemm għadira ta' l-ilma ħelu, msejħa minna l-għadira tal-wied ta' Mġarr ix-Xini, minn fejn jiġi maqbud sallur oħxon. Ftit 'l hinn mill-port, sewwa sew quddiem it-torri, jidher daqsxejn ta' skoll jew ħaġra, msejħa ta' Mġarr ix-Xini. Hawnhekk tinsab Ras il-Ħobż li hi wilġa fejn isir l-aħjar melħ li għandna fil-gżira, il-Plajja tal-Fessej, il-Plajja ta' Ġbejjel, it-Tagen.

Sannat Parroċċa

Meta jiġi biex isemmi ż-żmien li r-raħal tagħna sar parroċċa, hu jagħti ħafna informazzjoni. "Ġara mela li dan l-Isqof ġie hawn Għawdex għall-Vista Pastorali fis-sena 1688 u ra b'għajnejh il-ħtieġa li jwaqqaf parroċċi oħra f'ċerti bnadi tal-gżira, li kienu taħt il-ħakma spiritwali ta' l-Arċipriet ta' din il-Kolleġġjata, li dik il-ħabta kien l-Arċipriet Magri. Dan Magri, li, kien jafha tajjeb li r-ragħaj ta' l-erwieħ



*Id-Dar fejn kien joqgħod Dun Xand Aquilina*

għandu jagħżel il-ġid ta' dawn qabel il-ġid tiegħu, u li hu kien ġie mibgħut hawn Għawdex minn Ruma, mhux biex igiżż in-nagħġiet tiegħu, imma biex ipaxxihom, minnufih u mingħajr ebda stmerrija ta l-kunsens tiegħu lill-Isqof, biex jiġu mifruda mill-parroċċa tiegħu erba' parroċċi ġodda.

Il-Kanonku Agius de Soldanis, jgħid li kienet "it-tielet parroċċa għal Għawdex ... dik li ġiet imwaqqfa fil-ħâra ta' Sannat, l-ewwel wahda, minn l-Isqof Cocco Palmieri, (enfasi tiegħi) li ordna biex isservi ta' parroċċa l-knisja li diġa kien hemm, ta' Santa Margarita Verġni u Martri. Għall-kappillan kiteb u ta r-renta ta' żewġt itmien raba' li jinsabu fil-ħâra ta' Santu Wistin, dak iż-żmien igħidulhom 'ta' Collicola" madwar modd raba' ieħor "tar-Rdum tal-Hawt".

Fit-Tieni Ktieb, de Soldanis jagħti il-"limiti li mmarka għal din il-parroċċa kienu dawn: mix-xatt ta' Mġarr ix-Xini, min-naħa tal-lemin, mal-wied, il-wied, jibqgħu telgħin sa Ġnien is-Sultan dan imma mhux magħhom; minn hawn mat-triq li hemm bejnu u bejn ir-raba tal-Gvern, imsejjaħ "tal-Lewż", li jmur ma' dawn il-limti, jibqgħu dehlin ma' l-istess triq min-naħa tal-punent sar-raba "ta' Mercieca", li hu tas-sur Franġisk Fenech u tal-werrieta ta' GanPiet Cuschieri; minn "ta' Mercieca " jaqbdu t-triq li hemm fir-raba' tal-Gvern, imsejjaħ "tas-Saqwi", jiġifieri, waqt li n-naħa tal-lemin ta' dan ir-raba' tibqa' tagħmel ma l-Arċipriet tar-Rabat, in-naħa tax-xellug tmur ma' ta' Sannat; minn hawn igħaddu għall-Wied tax-Xlendi sal-baħar, imma min-naħa tax-xellug dejjem, bil-Munxar u Ras il-Bajjada, in-naħa tal-lemin tibqa' mar-Rabat".

Hu jagħti deskrizzjoni interessanti tal-knisja tas-Sannat, "din il-knisja ġiet mibnija mill-ġdid fl-1718 ikbar milli kienet u fuq għamla aħjar u isbaħ, b'sagristija magħha msawra biżżejjed. Il-kampnar tagħha ġie mitmum fis-sena 1730 u fih fis-sena 1739 ġiet imdendla qanpiena ta' 12-il qantar, li ħarġet ħelwa u b'leħen iwassal, imbierka mill-Isqof li għandna l-lum, il-Monsinjur Alpheran. Barra mill-altar il-maġġur u l-ieħor tal-kor li hu miqjum lix-Xebba glorjuża Santa Margarita (Taħt dan l-inkwadru, li hu pingut minn id tajba, ġewwa niċċa, jinżamm relikwarju tal-fidda, li fih biċċa għadma ta' din il-qaddisa.), hemm dawn l-altari:
In-naħa tal-lemin: (1) tal-Erwieħ tal-Purgatorju; (2) ta' San Ġużepp.
In-naħa tax-xellug: 1) tal-Madonna tar-Ruzarju, fejn hemm wieqfa l-fratellanza tar-Rużarjanti; 2) ta' San Pawl Appostlu u ta' San Feliċ Kappuccin.
Il-knisja u s-sagristija tagħha huma ipprovduti b'dak kollu li jinħtieġ.
Fit-Tieni Ktieb, fit-tielet taqsima, hu jagħti lista ta' knejjes fil-kampanja li kienu ipprofanati, u li uħud minnhom jien qed nirriproduċi hawn taħt għall-informazzjoni tal-qarrejja. 1. "Knisja ta' Santa Lena, fil-ħâra ta' Sannat. Il-piżijjiet ta' din il-knisja ġew meħudin fil-knisja ta' Santa Margerita li l-lum hija l-parroċċa ta'Sannat. Ġiet ipprofanata fl-1575, fl-1630 u fl-1675. Il-festa kienet issir fit-18 ta' Awissu". 2. "Knisja Ta' Santa Marija, imsejħa tas-Salib, fil-ħâra ta' Sannat. Ipprofanata. Il-festa kienet issir fil-25 ta' Marzu. 3. "Knisja ta' Santa Marija, imsejħa tal-Kortin, fil-ħâra ta' Sannat, li ġiet mibnija fis-seklu tlittax u li magħha kellha magħqud il-Benefizzju ta' Santa Marija ta' Bebunak jew ta' Parascandali. Ma stajtx insib min kien li ħalla dan il-Benefizzju u lanqas ma stajt insib min kien li bena din il-knisja. Sibt biss fil-ktieb tal-Benefizzji tar-razza, dan il-kliem: "In-nanniet ta' Mattew Said, bin Nardu, Għawdxi, madwar it-tmiem ta' 1400, kienu dawk li waqqfu dan il-Benefizzju. Imma mħabba li dan il-Benefizzju hu qadim ħafna, u mħabba li ġew meqruda l-kotba kollha, meta Għawdex ġie mħarbat fis-sena 1551, ma nistgħux inkunu nafu sewwa min kien il-fundatur ta' dan il-Benefizzju. Dan wieħed jista jarah mix-xiehda li taw fil-Qorti ta' l-Isqof fis-sena 1588 l-aħwa Mattew u Ċikku de Manueli, li kienu taw tagħrif bir-reqqa, wara l-qerda li grat minn Għawdex, u wkoll mix-xiehda li ta' l-Kanonku Dun Ljun Pontremoli, bniedem antik u ta' min joqgħod fuqu." Xi wħud jgħidu li bnieha Pawlu Catuth taħt l-isem ta' Santa Marija ta' nofs Awissu. Ara l-Visti tas-snin 1545, 1566, 1575, 1584, 1615, 1621, 1654".
Fit-Tieni Ktieb ukoll taht it-titlu "Fuq knejjes oħħa ipprofanati bil-fundazzjoni tagħhom" fost oħrajn hu jsemmi:
1. "Knisja ta' Santa Barbra, mibnija mill-famija de Nasis, fil-ħâra ta' Sannat bħala benefizzju. Ġiet ipprofanata fis-sena 1657".
2. "Oħra ta' l-istess qaddisa, fil-ħâra tal-Grua, mibnija mill-poplu (ara vista ta' l-1592.)".
3. "Oħra fil-Ħâra ta' Fomm il-Gir, ta' Sannat (ara l-Vista tas-Sena 1615, folja 36.)".
4. "Oħra ta' San Xmun Appostlu fil-ħâra tax-Xlendi, li fis-sena 1615 kienet diġa mġarrfa".
5. Isemmi wkoll xi kappelli ddedikati lil Santa Margerita, fosthom Kappella ta' Santa Margarita fir-Rabat, oħra f' "tal-Far" ir-Rabat, oħra fil-ħâra tal-Għejun "titlu ta' benefizzju mħolli mill-familja de Nasis, fil-ġnien ta' dan l-isem, ipprofanata fl-1630", oħra fiż-Żebbuġ, u oħra "fil-ħâra ta' Sannat, illum parroċċa."

Dun Xandru Aquilina, Kappillan ta' Sannat

Fl-aħħar taqsima tat-Tieni Ktieb, De Soldanis jagħti tagħrif fuq xi Għawdxin li kienu kbar fil-qdusija u fil-għerf fosthom Dun Xand Aquilina li jiena deherli li għandi ngħaddih kelma b'kelma lill-qarrejja. "Dun Xandru Aquilina, Kappillan ta' Sannat. Għalkemm ix-xorti riedet li dan Xandru jitwieled iż-Żebbug minn missier u omm tajba, Alla imma miegħu kien ħali, billi f'dik il-kampanja tħaddar mar iżejnu għadu tarbija b'moħħ li jarfa', tant li kull min kien jafu, qal mill-ewwel li hu tajjeb mhux ftit biex jitgħallem kulma jrid. Fuq hekk ġie mwiddeb minn min kien jifhem, biex jagħtiha għall-iskola u mħajjar mill-ġenituri tiegħu u megħjun minn niesu telaq lejn Malta u mar jitgħallem għand il-Gezwiti l-Filosofija u t-Teoloġija. Kien dejjem l-ewwel fl-iskola fost sħabu kollha, imsejjaħ għalhekk minnhom "il-Prinċep", li kienu jistaqsu lilu jfissrilhom fejn ma kinux jistgħu jifhmu huma b'ħilithom.
Meta spiċċa t-tagħlim tat-Teoloġija, ried jintafa' għall-istudju tal-Geometrija, imbagħad għal dak tal-Liġi Ċivili u Kanonka, u b'dawn ried imantni l-inġenju tiegħu, billi huma xjenzi wisq meħtiġin għal kull qassis.

Ordnat saċerdot mill-Isqof Cocco, ħaseb biex jerġa' lura lejn pajjiżu. Imma billi Alla ried jitfgħu fil-vinja tiegħu, l-Isqof żammu u għabbieħ bil-Parroċċa ta' Sannat li dam irieġi għal ħamsa u għoxrin sena b'għassa u ħerqa liema bħalha.
Jekk l-Isqof Cocco għażlu kappillan, meta kien għadu fiż-żmien fost ħafna oħra wkoll l-Isqof Cannaves mar għażlu biex ikun Lettur tal-Każijiet Morali u Surmast tal-Filosofija, li tħallas din il-knisja kolleġġjata, impieġ dan li qeda għal ħafna snin b'tifħir kbir tiegħu u li fih wera l-moħħ irqiq li kellu u ilsien li bih kien jaf ifisser dak li jaħseb: żewġ ħwejjeġ dawn li mseħbin ma' dik l-għamla li kellu ta' sura sabiħa, kienu jiġbdu lil kulħadd, mingħajr ma jaf kif, biex imur jisimgħu, kull fejn kien ikollu jagħmel xi taħdita mqaddsa. Bl-imġiba ħelwa tiegħu għaraf ukoll jiġbor minn għand in-nies dik il-kemxa ta' flus li kienet meħtieġa biex tiġi kompluta l-binja tal-Parroċċa tiegħu ta' Santa Margerita. Ftit snin qabel ma miet, ħareġ minn tiegħu qabda flus ġmielha li, magħquda ma l-oħra li kienu tawh in-nies tar-raħal, għamel bihom it-tielet qanpiena li fiha madwar l-erbatax-il qantar.

Fl-aħħarnett l-imġibiet tajba li kellu kienu mfaħħrin mhux biss mill-Għawdxin u mill-Maltin li kienu jmorru jżuruh sikwit f'daru, imma wkoll minn nies oħra barranin, bħalma kienu xi kavalieri, żewġ Siniskalki minn Malta u oħrajn. Jien innifsi li kelli x-xorti li nitgħaxxaq bih sikwit, nista' ngħid li kliemu kien kollu għalija tagħlim tajjeb imsieħeb ma' ħsibijiet għarfin u ta' fejda u ż-żmien li qattajt miegħu kien igħaddi bħal leħħa ta' berqa, għalkemm kien ikun twil. F'kelma waħda, mhux biss ta' Sannat, imma Għawdex kollu ma kienx biżżejjed biex jilqa' fih l-għerf li kellu dan il-bniedem kbir u msemmi. Hekk qal għaref ieħor li kien jaf l-Aquilina ta' Sannat.

Imma għax f'din id-dinja kull ħaġa għandha tispiċċa, fis-sena 1744 Aquilina mitmum minn marda, sewwa sew fit-22 ta' Mejju nfired mid-dinja, biex imur igawdi 'l Alla fis-sema, kif irridu nittamaw".

Nittama li dan l-artiklu tiegħi jservi biex iħajjar persuni oħra jippublikaw materjal li għandu x'jaqsam ma l-istorja u l-kultura tar-raħal tagħna, biex b'hekk ikunu iktar magħrufa fatti fl-istorja tal-antenati tagħna.


# J.V.J.

*General Merchants / Importers of Sweets*

*Distrivutors of Delco Batteries / towing service & Car Accessories*

Car & Motor Bike ·Dealer Rent-a-Car

***Sole Agents for Aprila and Piaggio Motor Bikes***

Gajdoru Street, Xaghra, Gozo.
Tel: 555819 - 564640 Fax: 563950
Mob: 9949 6680